# IL-FESTI MALTIN FL-IMGHODDI

— *Jikteb Charles Clews* —



**● Liż-żgħażagħ ta' llum naħseb, lanqas tiġihom f'moħħhom, li dari f'Malta, il-festi lanqas kienu jistgħu jżejnu t-toroq bid-dawl elettriku. Lanqas matul is-sena, għax it-toroq kienu jkunu mdawwla bil-fanali: l-ewwel taż-żejt u imbagħad bil-pitrolju, li kienu jinvolvu nies apposta ħalli jixegħluhom, wieħed wieħed.**

Anki l-faċċati tal-knejjes kienu jiġu mżejna bit-tazzi taż-żejt, u kien hawn esperti biex jarmawhom, b'tazzi differenti fil-lewn, u kienu jirriżultaw f'disinji sbieħ ukoll. Ir-raġel inkarigat (u mħallas) kien ikun veru espert biex jixxabbat u jixegħlhom dawk it-tazzi kuluriti, għax kien irid juri li hu 'champion' fil-ħeffa, biex jibda minn mal-kampnari u jibqa' nieżel sa isfel, b'kanna twila biż-żejt, bi ftila mixgħula u jmissha mal-ftejjel tat-tazzi taż-żejt.

L-istess it-toroq: dawn kien ikollhom il-festuni bit-tazzi. Niftakar li jekk ikun ir-riħ, kont trid toqgħod attent li ma jibdewx jixxenglu t-tazzi, jew jaħbtu mal-ħajt, u tieħu xi tixriba żejt fuqek – u l-ħwejjeġ kienu daqsxejn...prezzjużi, mhux bħal-lum.

Imbagħad beda ġej l-elettriku. Jidhirli li l-aħħar knisja li rajt jien, niftehmu, mixgħula bit-tazzi, kienet il-knisja tal-Karmnu tal-Fgura, il-knisja l-antika, li kienet fit-triq li tagħti lejn Ħaż-Żabbar.

Fil-bidu, xi rħula kienu jġibu **generator**, fit-tarf tar-raħal, li jagħti d-dawl lit-toroq u lill-knisja. Kienu għadhom fil-bidu tagħhom, u allura kultant kont tara d-dawl kollu jitbaxxa, u l-partitarji jmorru jiġru lejh, ħalli l-mekkanik jieħu ħsieb jerġa' jgħollih.

Il-Kalkara, jekk niftakar sewwa, il-generator kien ikun fuq barkun f'nofs il-bajja. Allura tara 'l partitarji akkaniti, sejrin lejn il-mekkanik jew b'xi flixkun inbid – **"milli nagħsru aħna dan, ħabib"** – jew bil-fliexken tal-birra, jew b'xi platt bil-fenek impespes, ħalli bħallikieku jagħmlulu l-kuraġġ u jaqdihom tajjeb.

## IL-LOGHOB TAN-NAR

Fl-irħula minn dejjem kien isir logħob tan-nar ferm iżjed milli fl-ibliet, għarraġuni ovvja, li dawn jistgħu jaħarqu mill-egħlieqi, u jevitaw l-abitat. Murtali kienu wkoll abbundanti, forsi mhux elaborati u numerużi daqs illum, u n-nar kien ikun ġeneralment maħdum mill-istess nies tal-post. Ċerti rħula, naturalment, kienu jagħmlu ferm iżjed nar minn oħrajn iżgħar minnhom, u kif tafu, hawn bosta rħula li n-nar huma msemmija għalih, u jinħadem minn ġenerazzjoni u jibqa' nieżel għal oħra.

L-ibliet kienu jżommu daqsxejn lura, għax kien hawn restrizzjoni fuq in-nar fl-abitat, u kienu jinfexxu fil-musketterija. Lejn il-Kottonera xejn ma kont tiskanta jekk tisma' li nħarqu 90,000 musketterija fil-festa. Kienu popolari l-ġokdifogu – fuq 4 jew 5 arbli.

Imbagħad kienet tfaċċat il-musketterija tal-kulur: niftakar waqt id-dħul tal-vara fl-Isla, ġieli kien hemm musketterija tal-kulur, li tibda minn fuq bejt maġenb il-knisja, titla' għal fuq l-ewwel kampnar u tibqa' sejra għall-kampnar l-ieħor, kważi ma tispiċċa qatt.

Murtali kbar ma kienux jagħmlu fl-ibliet iżda kienu jinfexxu fil-famużi Candele Romane (anke l-Ingliżi jsibuhom bħala Roman Candles): kienu jkunu kuluri, tiela' minn kanni ta' xi pulzier u nofs, u minn kanna jitilgħu għadd ta' tiri b'xuxa magħhom.

## IL-QUBBAJD

Il-qubbajd kien ferm aktar popolari mil-lum, meta issa ssib gabbani bil-hot dogs, u minerali, u hamburgers u lanqas naf, u molasses, li narah biss jien inħoss sens ta' tidlik fuqi mingħajr ma mmissu.

Meta bdejt naħdem jien, f'żogħżiti, kienet id-drawwa, li min ikun tal-festa, l-għada, fuq ix-xogħol iġib il-qubbajd għal sħabu, u tisimgħu: 'Hawn, ħbieb, tal-festa.' U jagħti biċċa lil kulħadd.

Praspura li naf fuq il-qubbajd ġieli għidtha: kien hemm tliet żgħażagħ li waħħluha f'rashom li jridu jisirqu żewġ biċċiet qubbajd lill-bejjiegħ li kien armat fil-pjazza tar-raħal. X'għamlu? Ftehmu ma' dawk li jarmaw in-nar ta' l-art ta' lejliet il-festa, li dawn idawwru l-irdieden lejn wiċċ il-bejjiegħ, ħalli ma' kull berqa u sparatura, dan jagħlaq għajnejh, u huma jkun lesti bħal sriep u jabżu fuq il-mejda u jisirqu l-qubbajd.

Il-pjan irnexxa mija fil-mija: mal-beraq u 'Bumm!', il-bejjiegħ beda jagħlaq għajnejh, u dawn 'Pumm', ħatfu biċċtejn qubbajd fihom żewġ piedi l-wieħed u ħarbu lejn id-dar.

Iżda baqa' f'wiċċhom, għax il-fidda li kienu mgeżwrin biha kienet iva, tlellex, iżda li sabu kienu biss, żewġ biċċiet serratizz!

**Insellmilkom, u nixtiqilkom ilkoll festa hienja, u li tgawduha**